**A.L. 144 ta' l-1990**

## ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

### Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 7).

Proprjetà speċifikata.

**2.** Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

**3.** Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-14 ta' Awissu, 1990.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

**4.** Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern limiti tan-Naxxar:

(a) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nri. 103 sa 107 tal-kejl ta' madwar 779 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar u markata "A" fuq L.D. 91/90;

(b) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nri. 167 sa 171, 184 sa 187 u 308 sa 312 tal-kejl ta' madwar 1,931 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 91/90;

(ċ) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nru. 210 tal-kejl ta' madwar 236 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar u Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "C" fuq L.D. 91/90;

(d) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nru. 198 tal-kejl ta' madwar 270 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Nofs-in-Nhar u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "D" fuq L.D. 91/90;

(e) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nru. 307 tal-kejl ta' madwar 166 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Xlokk u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "E" fuq L.D. 91/90;

(f) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nri. 217 sa 236 tal-kejl ta' madwar 4,083 metru kwadru, li tmiss minn Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika, mill-Grigal u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "F" fuq L.D. 91/90;

(ġ) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nri, 237 sa 250 tal-kejl ta' madwar 2,828 metru kwadru, li tmiss minn Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika, u mil-Lvant u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "G" fuq L.D. 91/90;

(ħ) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nri. 271 sa 283 tal-kejl ta' madwar 2,562 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata "H" fuq L.D. 91/90;

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *Plot* Nri. 251 sa 270 tal-kejl ta' madwar 3,415 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant, Majjistral u Punent ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar u markata "I" fuq L.D. 91/90;

(2) *Flat* numru 2, Blokk III, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien.

(3) Id-dar bin-numru 12, Triq il-Miksur, Ħal Għaxaq.

(4) Id-dar bin-numru 14, Misraħ Frenċ Abela/Immaculate Conception Street, Dingli.

(5) Id-dar bin-numru 70, Old Theatre Street, Valletta.

(6) Id-dar bin-numru 117, Triq Melita, Valletta.

(7) Id-dar bin-numru 20, Fuq tal-Ħawli, Vittoriosa.